StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-Livelli
7 – 8

**L-EWWEL SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: KWARTA**

**IS-SMIGĦ MILL-QARI**

**Il-Karta għall-Għalliema**

*L-għalliem/a jaqra s-silta bil-mod u wara jarqa l-mistoqsijiet. L-għalliem/a jerġa' jaqra s-silta u wara jerġa' jaqra l-mistoqsijiet waħda waħda bil-mod, biex jagħti ċans lill-istudenti jwieġbu wara kull mistoqsija. L-istudenti jkunu jistgħu jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet biss wara l-ewwel qari u ma jistgħux jiktbu fuqha qabel ma jintemm it-tieni qari.*

Owen mar ġab il-kazzola tat-taħwil u rabat il-kelb biċ-ċinga biex jieħdu miegħu. Imbagħad ħareġ ma' Ron. Dan ta daqqa t'għajn lejn il-mutur ipparkjat mal-bankina biex jara kienx kollox sew, u mbagħad erħewlha lejn l-għalqa.

Fit-triq Owen qagħad jirrakkonta lil Ron kif kien sab il-kokka u ħadha d-dar. Qallu x'ġara d-dar fil-jum li damet għandhom u tarraflu x'kien sar jaf in-Nannu Renzo mingħand Gustavu Mejlak. Qallu wkoll li, l-aktar minħabba l-biża' mix-xorti ħażina, kien reġa' mar difen il-kokka fejn kien sabha.

Sadattant, kienu waslu ħdejn l-għalqa żdingata. Ix-xemx kienet għadha tisreġ ġmielha u ma kinetx tidher ruħ. Resqu biswit il-kappara u Sprint, il-kelb, beda mill-ewwel iħaffer b'saqajh. Owen għenu bil-kazzola u l-għatu tal-kaxxa ma damx ma tfaċċa. "Hawn qiegħda l-kokka, Ron, f'din il-kaxxa," qal Owen lil sieħbu.

Mistoqsijiet

1. X'mar iġib Owen fil-bidu tas-silta?
2. Fejn kien ipparkja l-mutur Ron?
3. X'kien għamel Owen meta sab il-kokka?
4. Kif kienet il-ġurnata dakinhar li marru l-għalqa?
5. Ħdejn xiex kienet tinsab midfuna l-kokka ?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-Livell
7 – 8

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI | IL-ĦIN: KWARTA |
|---|---|---|

**IS-SMIGĦ MILL-QARI**

**Il-Karta għall-Istudenti**

**L-Isem: ___________________________** **Il-Klassi:_______________**

It-Tweġibiet **(10 marki)**

*Isma' sewwa s-silta tinqara għal darbtejn u wara wieġeb waħda waħda l-mistoqsijiet li jsirulek fuqha billi taqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.*

1. Owen mar iġib: (a) borma; (b) kazzola tat-taħwil; (ċ) ballun.

2. Ron ipparkja l-mutur: (a) mal-ħajt; (b) ħdejn ħanut; (ċ) mal-bankina.

3. Meta sab il-kokka, Owen: (a) ħadha d-dar; (b) ħadha l-każin; (ċ) taha lil sieħbu.

4. Dakinhar kien hemm: (a) ħafna riħ; (b) ix-xita; (ċ) ix-xemx tisreġ.

5. Il-kokka kienet midfuna ħdejn: (a) kappara; (b) siġra tal-lariġ; (ċ) blata.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-Livelli
7 – 8

## L-EWWEL SENA | IL-MALTI | IL-ĦIN: SAGĦTEJN

**L-Isem:** ____________________________ **Il-Klassi:** ______________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-SKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 16 | 4 | 10 | 20 | 20 | 10 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta minn gazzetta lokali u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***




Ħalliel liebes beritta, qalziet qasir u flokk skur, u armat b'sikkina, ilbieraħ wettaq *hold-up* minn ħanut tal-ħwejjeġ f'Wied ir-Ram. Minn hemm seraq aktar minn €1,000 fi flus. Dan il-każ sar għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' waranofsinhar. Il-kriminal daħal fil-ħanut "Style Clothing" li jinsab fi Triq Daħlet ix-Xwieni f'Wied ir-Ram, ħanut li jbigħ ħwejjeġ, *souvenirs* u xi oġġetti prezzjużi oħrajn. (*par. 1*)

Dak il-ħin fil-ħanut kien hemm impjegata ta' madwar għoxrin sena, u kif il-ħalliel daħal, mar fuqha, beda jheddidha bis-sikkina u ordnalha tagħtih il-flus. Skont din it-tfajla, il-ħalliel kellu daqna folta u f'idu x-xellugija kellu tpinġija ta' stallett. Meta rat li ma setgħet tagħmel xejn, it-tfajla ma kellhiex għażla oħra ħlief li tgħaddi l-flus li kellha fil-*cash register* lill-kriminal. Dan, kif ħataf il-flus, telaq jiġri 'l barra, rikeb mutur u ħarab minn fuq il-post. (*par. 2*)

Fuq il-post marru l-Pulizija tad-Distrett, immexxijin mis-Supretendent Winston Cefai. Il-Maġistrat tal-Għassa, Dr Edwin Xerri, ġie infurmat bil-każ u dan ordna inkjesta. B'dan il-każ, fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena n-numru ta' *hold-ups* li nafu bihom aħna s'issa tela' għal 36 każ u kien hemm 42 vittma. Din hi rata għolja meta wieħed iqis li matul is-sena 2010 kollha saru 35 *hold-up*. (*par. 3*)

(Addattament minn rapport f'gazzetta lokali. L-ismijiet u l-postijiet huma fittizji.)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Agħti isem lil din is-silta.

_______________________________________________ (marka)

2. Fejn seħħet is-serqa msemmija fir-rapport?

_______________________________________________ (marka)

3. Semmi żewġ affarijiet li kien liebes il-ħalliel meta wettaq is-serqa.

______________________ u ______________________ (2 marki)

4. Il-ħalliel kif irnexxielu jaħrab minn fuq il-post?

_______________________________________________ (marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Taħseb li t-tfajla beżgħet meta rat lill-ħalliel quddiemha? Kif taf?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (2 marki)

6. Minn xiex taħseb li l-pulizija jistgħu jagħrfu lill-ħalliel? (*Immarka t-tweġiba t-tajba*.)
   Jistgħu jagħrfuh għax: (a) id-delitt seħħ f'Wied ir-Ram. ___
   (b) fuq idu l-ħalliel kellu tpinġija ta' stallett. ___
   (ċ) ħarab fuq mutur aħmar. ___ (marka)

7. Skont l-awtur tar-rapport, in-numru ta' *hold-ups* qiegħed jiżdied. Kif nafuh dan?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (16-il marka) |
|---|---|

**LESSIKU / VOKABULARJU**

1. Agħti kelma oħra flok il-kelma *hold-up* (par. 1) ______________________. (marka)

2. Mit-tielet paragrafu sib il-kelma li tfisser: ***żdied.***
   Il-kelma hi: __________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

3. Immarka t-tajba. Il-verb: ***ħarab*** (*par.2*) qiegħed jirreferi:
   (a) għall-mutur___ ; (b) għall-ħalliel___; (ċ) għas-Supretendent____. (marka)

4. Il-kelma ***impjegata*** *(par.2)* ġejja:
   (a) mill-Għarbi __, (b) mit-Taljan __ (ċ) mill-Ingliż__. (marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

*Aqra sewwa din is-silta qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.*

Pietru spiċċa fuq ix-xtajta waħdu għax il-maltemp kaxkru għal bosta jiem u d-dgħajsa ċkejkna li kellu ma baqgħetx tobdi aktar it-tmun. Ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel. Kien waħdu fuq il-gżira. Ħassu mdejjaq, imma fl-istess ħin ma riedx jidħol 'il ġewwa fil-qalba tal-gżira. Beża' li jekk ma jibqax ħdejn il-baħar ma jintebaħx meta jkun għaddej xi vapur fil-viċin.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Ikteb tliet artikli li ssib fl-ewwel sentenza tas-silta.

   L-artikli huma: _______; _______; _______. (3 marki)

6. Mis-sentenza: *"Pietru spiċċa fuq ix-xtajta waħdu għax il-maltemp kaxkru għal bosta jiem"*,

   sib: (a) nom proprju: ________________________

   (b) nom komuni fil-plural: ________________________

   (ċ) nom komuni fil-femminil: ________________________ (3 marki)

7. L-għerq tal-verb **jaqbad** hu Q-B-D. Ikteb **3 kelmiet** differenti li ġejjin mill-għerq Q-B-D.

   It-tliet kelmiet huma:

   ____________________; ____________________; ____________________ (3 marki)

8. Mis-sentenza: "*Ħassu mdejjaq, imma fl-istess ħin ma riedx jidħol 'il ġewwa fil-qalba tal-gżir*", sib:

   (a) verb trux _________________

   (b) verb dgħajjef _________________

   (ċ) verb sħiħ _________________ (3 marki)

| **Ċ. L-IDJOMATIKA** | (4 marki) |
|---|---|

1. Il-Kurrikulu tal-Malti jgħallimna dwar is-sbuħija tal-idjoma Maltija. Mil-lista ta' taħt, agħżel l-idjomi li taħseb li joqogħdu l-aħjar f'din is-sentenza. (2 marki)

   _______________________ instema' ħoss kbir u bil-qatgħa li ħa sar _________________.

   [ F'kelma waħda, Ħin bla waqt, Qisu riħ, ikħal nir, isfar lellux, iswed tuta]

2. Matul is-sena tgħallimt ħafna qwiel li jitkellmu dwar it-*tama* u s-*sabar*. Kompli l-qawl dwar it-tama li jinsab f'din is-sentenza billi tagħżel it-tweġiba t-tajba mill-kaxxa. (2 marki)

   Billi ma studjax, ma kienx jaf iwieġeb mistoqsija waħda fl-eżami, imma meta sieħbu qagħad fil-bank ta' ħdejh, ħa r-ruħ għax min ikun se jegħreq ____________________ ________________________________________.

| jibla' ħafna ilma; nitfgħulu ħabel; jaqbad imqar ma' tibna; jibda jxejjer idejh. |
|---|



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 m...

Ikteb ittra (fil-linji t'hawn isfel), indirizzata lill-President tal-Għaqda Ambjent Ħas-Saptan. F'din l-ittra int tilob biex issir membru ta' din l-għaqda u fl-istess ħin tgħid għaliex tixtieq tibda tagħmel parti minn din l-għaqda li tieħu ħsieb l-ambjent naturali ta' madwar din il-lokalità. Tiktibx aktar minn 60 kelma. Uża tliet paragrafi. Fl-ewwel paragrafu agħmel introduzzjoni, fit-tieni paragrafu agħmel il-ħsibijiet ewlenin tiegħek, u fit-tielet paragrafu agħmel il-konklużjoni.

15, Triq il-Wilġa
Ħas-Saptan SPT 01
Tel. 3985436

21 ta' Ġunju, 2012

Is-Sur Peter Vella
Il-President tal-Għaqda Ambjent Ħas-Saptan
Triq C. Gerada,
Ħas-Saptan SPT 02

Sinjur,

Dejjem tiegħek,
Charles Cutajar/
Charlene Cutajar



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. LETTERATURA (20 m[...]

**(i) Nadriet 1**

1. F'**Il-Ħolma t'Alla**, Anton Buttigieg jgħid li meta wieħed imur fil-kampanja jkun miexi fil-ħolma t'Alla. F'din il-poeżija, il-poeta ma' xiex iqabbel lil Alla ?

_______________________________________________ (2 marki)

2. Mil-leġġenda **San Franġisk u l-Gamiem** ta' Ġużè Delia, x'nitgħallmu dwar kif għandna nġibu ruħna lejn l-ambjent naturali u lejn l-għasafar?

_______________________________________________ (2 marki)

3. Din is-sena fil-klassi tgħallimtu dwar tipi differenti ta' poeżiji. Immarka t-tweġiba t-tajba skont dak li tgħallimt. Il-poeżija **Bjuda** ta' Dun Karm :

   a) hi: i) sunett __; ii) ballata __; iii) saffika __ .

   b) għandha: i) sitt versi __; ii) disa' versi __; iii) erbatax-il vers __. (2 marki)

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi** (2 marki)

Agħżel poeżija minn dawn li qrajt f'**Aktar Nadriet Poetiċi** u għid għaliex għoġbitek.

*Il-Ħerża, Raħal Twelidi, Il-Kebbies tal-Fanali, distanza, Tristis Est Anima Mea, Dik Mewġa, Xmara Ħamra Bruka Xiħa, Xita.*

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**(iii) Stejjer tal-Linka -** Sedqa (6 marki)

Wieġeb **tnejn** minn dawn il-mistoqsijiet dwar l-istejjer li nsibu fil-ktieb *Stejjer tal-Linka*.

a. Fis-silta **L-Iskola** nsibu tifla li qiegħda titkellem dwar il-klassi tagħha u tgħidilna kif tixtieq li jsir it-tagħlim. Issa għidilna int xi ħaġa dwar il-klassi tiegħek.

_______________________________________________

_______________________________________________

b. Fil-ħrafa **Il-Kokka u l-Werżieq** insibu eżempju ta' dak li l-Kurrikulu tal-Malti jsejjaħlu *tħaddim ta' ħsieb laterali*. Il-kokka, li ddejqet tisma' l-ħsejjes tal-werżieq, ma kinetx taf x'se taqbad tagħmel biex teħles minn din il-problema u għalhekk f'moħħha kellha ħafna mistoqsijiet. Kieku kont int flok il-kokka x'kont tagħmel?

_______________________________________________

_______________________________________________



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ċ. Fis-silta **Tarċisinu** niltaqgħu ma' tifel li hu distratt u għalhekk dejjem jitlef xi ħaġa. ommu dejjem taqbeż għalih. Minn omm dan it-tifel x'nistgħu nitgħallmu dwar l-imħabba omm għal uliedha?

StudentBounty.com

**(iv) Zito Zandarell** ta' Carmel G. Cauchi (6 marki)

Wieġeb (**a**) jew (**b**) u ikteb madwar 40 kelma.

a) Fir-rumanz **Zito Zandarell**, niltaqgħu ma' Zito, tifel aljen li ma kienx tifel bħall-oħrajn. Semmi xi aspetti li fihom Zito kien differenti mit-tfal l-oħra. (Ftakar f'dak li tkellimtu dwaru fil-klassi meta semmejtu l-ekstra-terrestri u l-vetturi spazjali.)

**JEW**

b) Ir-rumanz **Zito Zandarell** jurina li fil-ħajja min jagħmel it-tajjeb mhux dejjem isib min japprezzah u jifrah bih. Semmi episodju jew episodji fejn naraw li għalkemm Zito għamel il-ġid, sab min jittrattah ħażin.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. KOMPONIMENT (2

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **150 kelma** fuq karta separata.

1. Ħafna nies għandhom passatemp. Min iħobb il-futbol, min iħobb jaqra, min iġemma' l-bolli, min idoqq xi strument mużikali, min imur jitgħallem jiżfen. Int għandek xi passatemp? Jekk iva, ikteb dwar dan il-passatemp tiegħek. Meta tagħmel hekk tkun qiegħed tikteb parti mill-bijografija tiegħek, għax tkun qiegħed tikteb dwarek innifsek – kif tgħallimt fil-klassi din is-sena.

2. "Ir-riħ kien qiegħed isaffar u jvenven mix-xquq tat-twieqi qodma. Id-dar kienet mudlama u l-ħsejjes kienu tal-biża'. Wilfred ħass qalbu tħabbat sitta sitta…." Tgħid kif tkompli din l-istorja? Ikteb x'taħseb li ġara lil Wilfred f'dik id-dar mudlama. (Żomm f'moħħok dak li tgħallimtu fil-klassi dwar il-kitba narrattiva ta' stejjer tal-biża'.)

3. It-tfal kollha jħobbu jisimgħu l-ħrejjef. Naħseb li anke int, meta kont iżgħar kont tħobb tisma' minn dawn. Il-Kurrikulu tal-Malti jgħallimna li ħrafa hi storja li ma ġratx tassew. Ikteb ħrafa qasira li kieku int kont tirrakkonta lil xi ħadd iżgħar minnek u li jieħu gost jismagħha.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers